**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Kost. Nru. 455/2022 GM**

**Maria Carmela Lanfranco (K.I. 0204730M) u**

**David Lanfranco (K.I. 0288767M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta' Maria Carmela Lanfranco u David Lanfranco li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Premess illi r-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco kienet sid tal-fond numru 87, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Sliema liema fond ġie sussegwentement trasferit b'titolu

ta' donazzjoni a favur ta' David Lanfranco (hawn anness u mmarkat bħala Dokument A) :

2. Dan il-fond kien ġie rekwiżizzjonat skont ordni ta' rekwiżizzjoni numru ROI 0935 li nħarġet mid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali fis-7 ta' Mejju 1947 a favur ta’ Anthony Farrugia (kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument B');

3. Minkejja li l-fond ġie derekwiżizzjonat fis-7 ta' Mejju 1954, bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 158, ma kienx possibli għall-esponenti jew l-aventi fit-titolu tagħhom sabiex jottjenu l-pussess battal tal-istess fond u anqas jawmentaw l-kera għal rati li jirriflettu l-valur lokatizju fis-suq miftuħ stante tal-kirja kif ukoll il-quantum tal-kera kienu protetti bis-saħħa tal-liġi;

4. Dan il-fond baqa’ hekk okkupat b'titolu ta' kera sal-11 ta' Ottubru 2020 u cioe’ sal-mewt ta' iben Anthony Farrugia u cioe’ Alexander Farrugia;

5. Il-kera mħallsa kienet ta' mitejn u għaxar Euro (€210.00) fis-sena bil-quddiem, liema kera kienet waħda baxxa u ma tirriflettix il-valur tal-fond lokattizzju fis-suq;

6. Ir-rikorrenti inkariga lill-perit Anthony Robinson li irrediġa rapport permezz ta' liema kkonferma li l-valur tal-kera attwali tal-fond ta' dawn il-proċeduri fis-suq apert jammonta għal seba' mija u ħamsa u disgħin Euro (€795.00) kull xahar (Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bħala 'Dokument C').

7. Konsegwentement huwa evidenti illi l-kirja riċevuta hija waħda sproporzjonata meta wieħed iqabbilha mal-valur tal-kirja tal-fond fis-suq ħieles anki meta wieħed iqis l-emendi introdotti fil-Kodiċi Ċivili bis-saħħa tal-Att X tal-2009;

8. Il-privazzjoni tal-proprjeta' tar-rikorrenti hija leżjoni tad-dritt ta' proprjeta' kif sanċita ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni Ewropea (L-ewwel skeda tal-Kap. 319) u dana prinċiparjament billi: (i) ir-relazzjoni lokatizja bejn l-esponenti u l-inkwilini baqgħet tiġi imposta fuq l-esponenti b'mod obbligatorju u (ii) il-kera baqgħet ferm baxxa kif hawn fuq spjegat;

9. Għalhekk ir-rikorrenti ġew mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta’ tagħhom mingħajr ma ngħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond u konsegwentement ġew leżi d-drittijiet fondamentali ai termini tal-ArtikoIu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, u dana peress li l-kera li mħallsa bl-ebda mod ma kienet qrib l-valur lokatizju reali tal-istess fond;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi u minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ordni ta' rekwiżizzjoni numru RO10935, kienet leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawża minnhom kif sanċiti fl-Artikolu I tal-

Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-ArtikoIu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tiddikjara li qegħdin jiġu vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-ArtikoIu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 1-Ewwel Artikolu ta1-Evvwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319) għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

3. Tiddikjara illi 1-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 li ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittiiiet tas-sid u dak tal-inkwilin, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni ai termini tal-Konvenzjoni Ewropea;

4. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha huma xierqa u opportuni u kumpens xieraq għall-okkupazzjoni tal-istess fond bi vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-liġi u tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati.

Rat ir-Risposta tal-intimat Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' interess ġuridiku, u/jew il-victim status tar-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco f'dawn il-proċeduri stante li ma jirriżultax li żammet għaliha drittijiet litiġjużi fil-mument li ttrasferiet l-interess tagħha fil-fond de quo lir-rikorrenti l-ieħor fis-sena 2021.

2. Ir-rikorrenti David Lanfranco ma seta’ sofra ebda leżjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ġaladarba jirriżulta mid-DOK. A esebit mar-Rikors promotur illi huwa akkwista d-drittijiet tiegħu fuq il-fond de quo per via di donazione fil-31 ta' Awwissu 2021, kważi sena wara li l-okkupazzjoni tal-fond de quo intemmet.

3. Għalhekk ukoll, jonqos l-interess ġuridiku u l-victim status ta' l-istess rikorrenti David Lanfranco f'dawn il-proċeduri.

4. Preliminarjament, mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti jridu jiċċaraw liema huma l-Liġijiet li huma qegħdin jattakkaw. L-ewwel talba tagħmel referenza għall-Kap.125 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu ssir referenza ġenerika għal 'dispożizzjonijiet' mingħajr ma jsir ebda aċċenn għal artikolu tal-Liġi. It-tieni talba trid ukoll dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet mingħajr ma jsir ebda aċċenn għal xi Liġi, mentri fit-tielet talba, ssir referenza għall-'operazzjonijiet tal-Att XXII tal-1979' mingħajr ma jsir ebda aċċenn għal liema Liġi allegatament tledi drittijiet tar-

rikorrenti. F'każ li r-rikorrenti ma jiċċarawx dawn l-ewwel 3 talbiet tagħhom, l-esponenti ser ikun preġudikat stante li ma jkunx f'qagħda li jressaq difiża xierqa għal din il-kawża, u jkun għalhekk kostrett jeċċepixxi n-nullita' tal-azzjoni permezz ta' din l-istess eċċezzjoni.

5. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sa fejn qed jiġi attakkat l-operat tal-Kap.125 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti ma hux il-leġittimu kuntradittur stante li hija l-Awtorita' tad-Djar li tista' tirrispondi.

6. Għar-raġunijiet mressqa fir-raba' eċċezzjoni, fil-mertu, l-esponenti huwa kostrett li jressaq eċċezzjoni ġenerika li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra 1-istess rikorrenti.

7. B'referenza għall-premessi u t-tielet talba, il-Kap. 158 qatt ma seta' kien applikabbli wara derekwiżizzjoni, iżda li kieku kien japplika l-Kap.69 - għaldaqstant anke għal din ir-raġuni t-tieni talba ma tista' qatt tintlaqa' kif dedotta, għaliex il-Kap. 158 [Att XXIII tal-1979] ma hux applikabbli għal dan il-każ.

8. Isegwi li t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet għandhom jiġu miċħuda, la konsegwenzjali għall-ewwel tliet talbiet.

9. F'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jopponi għat-talbiet għal kumpens favur ir-rikorrenti.

10. Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea ma hux applikabbli stante li ma ġiex traspost fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li b'verbal tagħha tas-16 ta' Jannar 2023 ħatret lill-Perit Konrad Xuereb sabiex jistabbilixxi l-valur kummerċjali u dak lokatizju tal-fond *de quo* mis-sena 1987 sas-sena 2020 u kull ħames snin.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ppreżentat fit-13 ta' Frar 2023.[2]

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Fatti**

[1] Fol 24
[2] Fol. 106.

Ir-rikorrent David Lanfranco huwa s-sid tal-fond numru 87, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Sliema li ġie għandu b'titolu ta' donazzjoni minngħand ommu – ir-rikorrenti l-oħra f'din il-kawża u ċjoe` Maria Carmela Lanfranco permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Awwissu 2021 fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia.[3]

Maria Carmela Lanfranco akkwistat dan il-fond permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat 24 ta' April 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino.[4]

Dan il-fond kien rekwiżizzjonat skont Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru RO10935 li nħarġet fis-7 ta' Mejju 1947 a favur Anthony Farrugia u ġie derikwiżizzjonat mill-ġdid fis-7 ta' Mejju 1954.[5] Wara din id-data, l-imsemmi Anthony baqa' jokkupa l-post bil-kera ta' Lm16 fis-sena, sas-sena 2010 meta nbiddlet il-liġi u l-kera annwali telgħet għal €210.

Dan il-fond baqa' okkupat b'titolu ta' kera sal-11 t'Ottubru 2020 u ċjoe' sal-mewt tat-tifel ta' Anthony Farrugia u ċjoe' Alexander Farrugia. Il-fond ġie lura f'idejn is-sid fis-26 ta' Frar 2021.

**Nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti**

L-Avukat tal-Istat permezz tal-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tiegħu jqanqal in-nuqqas ta' *victim status* taż-żewġ rikorrenti. Dwar ir-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco jeċepixxi illi ma' żammitx għaliha drittijiet litiġjużi fil-mument li ttrasferiet l-proprjeta' lil binha. F'kawzi ta' natura kostituzzjonali, il-jeddijiet fundamentali mhumiex inerenti mal-proprjeta` imma mal-persuna. L-ilment ta' ċaħda mit-tgawdija tal-proprjeta` mingħajr kumpens xieraq huwa dritt personali u mhux dritt *in rem.* Jibqa' jappartjeni lill-persuna-vittma irrispettivament mit-trasferiment tal-proprjeta` lil terzi. Għaldaqstant ir-rikorrenti Maria Carmela

[3] Dok. A a fol. 5.
[4] Dok. MC3 a fol. 39.
[5] Fol. 11.

Lanfranco hija intitolata għall-kumpens mis-sena 1987 (meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) sas-26 ta' Frar 2021 meta l-fond reġa' ġie f'idejha.

Il-fond in kwistjoni ġie f'idejn ir-rikorrenti David Lanfranco fil-31 ta' Awwissu 2021 u ċjoe' wara li intemmet il-kirja furzata u għalhekk kien fil-liberta' li jikrih bir-rati tas-suq miftuħ u ma bata' l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Għalhekk ir-rikorrenti David Lanfranco mhuwiex intitolat għall-ebda kumpens.

**Il-liġi applikabbli**

Din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta' skont l-Art. 37 Kost. u Art.1, Prot.1 tal-Konv. Ewropeja għad-Drittijiet Umani u kumpens, minħabba kera allegatament esigwu ta' dar tagħhom f'ta' Ta' Sliema b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Kap 125 kontrihom. Irriżulta mill-atti tal-proċess illi tali fond ġie derikwiżizzjonat fis-sena 1954 u għalhekk, wara din id-data, il-kirja furzata ġiet regolata bil-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux bil-Kap 125 ġialadarba l-Ordni ta' rekwiżizzjoni ma kinitx għadha fis-seħħ. Ir-rikorrenti semmew ukoll il-Kap 158 fir-rikors promutur tagħhom. Sewwa eċepixxa l-intimat Avukat tal-Istat permezz tar-raba', il-ħames u s-seba' eċċezzjoni tiegħu illi t-talbiet tar-rikorrenti huma msejsa fuq liġi żbaljata.

Iżda r-rikorrenti rratifikaw is-sitwazzjoni tagħhom permezz ta' nota li ġiet preżentata fit-13 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha speċifikaw illi dawn il-proċeduri huma msejsa fuq il-protezzjoni tal-kera imposta mid-diversi Artikoli tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Għamlu wkoll referenza għall-emendi li saru

partikolarment iżda mhux limitatament għall-Artikli 1531B, 1531C, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531L, 1531K, 1536, 1555A tal-Kodiċi Ċivili.[6]

Għaldaqstant dawn l-eċċezzjonijiet ġew sorvolati.

**Applikabilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

Ir-rikorrenti jsejsu l-ewwel u fit-tieni talba tagħhom fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, apparti l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Kap 69 huwa protett mill-Art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962. Il-Qorti Kostituzzjonali **f'Martinelli v Avukat Generali**[7] stabbiliet li "għalkemm il-Kap 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 dawk il-liġijiet m'għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 37(9)" (recte: Art. 47(9)) "Għalhekk l-Avukat tal-Istat sewwa qal illi l-Kap 69 kif emendat, ma jintlaqatx bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni."

Għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jistrieħu fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta iżda biss fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**L-eċċezzjoni ta' ndħil permessibbli bħala miżura soċjali**

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa'

[6] Fol 26
[7] Lilian Martinelli v Avukat Ġenerali 23.11.2020

soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.
(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.
(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi *de quo* tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

**Bilanċ bejn tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku**

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[8] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-

[8] James & Others, Amato Gauci v. Malta.

kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[9]

Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta' massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

**Artiklu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropeja**

Fil-ħames talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu rimedju skont l-Art. 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-Artiklu iżda jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati ta' Malta. Ma jifformax parti mil-liġi ta' Malta għaliex mhux inkluż fit-tifsira ta' Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif riprodotta fl-Art. 2 tal-Kap 319 u lanqas ġie traspost fil-liġi domestika skont Art. 3(3) tal-Kap 304.[10]

---

[9] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015.

[10] Ara Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella v Avukat Ġenerali 30.09.2016 Qorti Kostituzzjonali, Thomas Cauchi v Avukat Ġenerali 02.03.2018, Joseph Grima v L-Avukat Ġenerali 27.03.2020 u Anthony Debono v Avukat Ġenerali 08.10.2020

## Likwidazzjoni tal-kumpens

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €425,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €846 għal €7,180.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[11] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil.[12]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropeja, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco kumpens pekunjarju li jammonta għal ħamsa u sittin elf ewro (€65,000). Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | | KERA MĦALLSA | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1987 | 1991 | (€910 x 5) | **€4,550** | (Lm16 -€37 x 5) = | **€185** |
| 1992 | 1996 | (€1,492 x 5) | **€7,460** | (Lm16 -€37 x 5) = | **€185** |
| 1997 | 2001 | (€2,665 x 5) | **€13,325** | (Lm16 -€37 x 5) = | **€185** |
| 2002 | 2006 | (€3,569 x 5) | **€17,845** | (Lm16 -€37 x 5) = | **€185** |
| | | | | 2007-2009 | |

[11] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA – JZM.
[12] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2007 | 2011 | (€5,628 x 5) | **€28,140** | **(**Lm16 -€37 x 3) = | **€111** |
| | | | | 2010-2011 | |
| | | | | (€210 x 2) = | **€420** |
| 2012 | 2016 | (€5,347 x 5) | **€26,735** | (€210 x 5) = | **€1,050** |
| 2017 | 2020 | (€7,720 x 4) | **€30,880** | (€210 x 4) = | **€840** |
| TOTAL | | | **€128,935** | | **€3,161** |

€128,935 - €3,161 = €125,774

€125,774- 35% = €81,753.10

€81,753.10- 20% = €65,402.48 - **€65,000**

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €500 bħala kumpens mhux pekunarju lir-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent David Lanfranco.

(3) Tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni talba billi tiddikjara illi d-dispożizzjonijiet suċċitati tal-Kap. 69 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kienu leżivi tad-drittijiet

Fundamentali tar-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco kif sanċiti fl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan għall-perjodu bejn 1987 – u s-26 ta' Frar 2021.

(4) Tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco.

(5) Tilqa' r-raba' u l-ħames talba billi tillikwida kumpens fis-somma ta' €65,000 bħala danni pekunarji u €500 bħala danni mhux pekunarji lir-rikorrenti Maria Carmela Lanfranco.

(6) Tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens hekk likwidat, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Ir-rikorrent David Lanfranco jħallas l-ispejjeż tiegħu. Il-bqija tal-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA